TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 136/13-F

**Joseph Salerno**
**vs**
**Di Natura International**

Illum 21 ta' Jannar, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-26 ta' Ġunju, 2013 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' tliet elef u ħames mitt ewro (€3,500), rappreżentanti nuqqas ta' introjtu mill-użu tal-pannelli.

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi kien tħajjar sabiex jinstalla l-pannelli, u li s-soċjeta' ntimata kienet infurmatu illi b'disa' pannelli minflok b'sitt pannelli kien se jiffranka 4,032 units u fil-fatt meta ħa r-*readings* mar b'732 units minn taħt u ta' dan ippreżenta rendikont dettaljat.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi s-soċjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, u msejħa tliet darbiet, baqgħet ma dehritx għas-seduta.

Kif ukoll it-Tribunal jinnota li sal-ħin tas-seduta l-intimat kien għadu ma bagħatx risposta bil-miktub.

It-Tribunal, wara li sema' lir-rikorrenti, jinnota illi l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibli u aċċettabli stante li ngħata l-parir li jekk jinstalla disa' pannelli kellu jifranka 4,032 units u fil-fatt ma ffrankax 4,032 units, iżda kien hemm differenza ta' 732 units minn taħt li jikkunsmaw dawn it-tliet elef u ħames mitt ewro (€3,500).

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' tliet elef, erba' mija u erbgħa w disgħin ewro (€3,494), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**